Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 515/2016

**Nutar Dr Joseph H. Saydon**

**Vs**

**John Lewis Calleja**

23 ta' April, 2018.

1. B'sentenza tad-19 ta' Settembru, 2017 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar iddecieda:-

*"Din il-kawża tirrigwardja talba tal-attur għar-rifużjoni ta` ħlas żejjed li għamel lill-konvenut fil-kors tal-eżekuzzjoni ta` inkarigu mogħti lilu fil-kapaċita` tiegħu ta` Nutar Pubbliku mill-werrieta ta` Matteo Calleja. Fi ftit kliem, l-attur jgħid li għamel żball u qassam aktar flus milli żbanka mill-eredita` ta` Matteo Calleja, u li dan l-iżball skoprieh inċidentalment meta wieħed mill-werrieta għamel allegazzjonijiet li l-attur kien wettaq frodi għad-detriment tiegħu, u ressaq ilment fir-rigward lill-Kunsill Notarili. Prova ta` dan l-ilment tressqet b'kopja tal-komunikazzjoni li l-attur wera li rċieva mingħand Emanuel Calleja fit-23 ta` Lulju 2015. Din il-kawża ġiet preżentata fil-11 ta` Novembru 2016.*

*Il-konvenut John Lewis Calleja jilqa' għal din l-azzjoni bid-difiża tal-preskrizzjoni biennali għall-azzjoni li biha jintalab lura l-ħlas ta` indebitu. Essenzjalment, it-teżi tal-konvenut hija li l-iżball inkixef fl-2011 meta sabitu Frances Mifsud, u għalhekk iż-żmien li fih l-attur seta` mexxa b'din l-azzjoni kontra tiegħu laħaq għadda. Il-konvenut iddikjara li huwa aċċetta l-ħlas li tah l-attur, mingħajr kontestazzjoni, u li għalhekk m'għandu jħallsu xejn.*

*Wara li qies il-provi kollha li tressqu f'din il-kawża, it-Tribunal mhux moralment konvint, fuq bażi ta` bilanċ ta` probabiltajiet, li bejn il-partijiet f'din il-kawża l-iżball kien inkixef fl-2011. Għall-prova tal-kxif tal-iżball, il-konvenut straħ fuq ix-xiehda ta` Frances Mifsud, li jidher li kienet l-ewwel waħda mill-benefiċċjarji li ndunat li kien hemm diskrepanza bejn it-total tal-ħlasijiet li għamel l-attur, u l-ammont nett li l-attur iddikjara li kellu jitqassam wara li naqqas l-ispejjeż.*

*Rinfaċċjat bid-dikjarazzjonijiet kontra xulxin li din ix-xhud Frances Mifsud għamlet quddiemu, u quddiem dan it-Tribunal diversament presjedut f'kawżi oħra b'mertu simili kontra l-benefiċċjarji l-oħra, it-Tribunal kif kompost jidhirlu li għandu jagħti aktar piż lix-xiehda ta` Frances Mifsud li sema' huwa stess, meta allura kellu lopportunita` mhux biss li jisma' lix-xhud, imma anke li josserva u jagħmel levalwazzjonijiet tiegħu dwar il-komportament tagħha. Fix-xiehda tagħha quddiem it-Tribunal, kif presjedut, Frances Mifsud qalet ċar li lill-attur kienet qaltlu li sabet diskrepanzi fir-rendikont li kien taħa, pero' ma qaltlux li dawn id-diskrepanzi kienu jfissru li kien għaddha lilha, u lill-benefiċċjarji l-oħra, somom ikbar milli kien messhom mill-wirt ta` Matteo Calleja. Għat-Tribunal kif presjedut, kien evidenti mix-xiehda ta` Frances Mifsud li din ma kinetx sodisfatta bl-eżekuzzjoni tal-inkarigu professjonali*

*mill-attur għaliex pretendiet li l-mejjet kellu flus aktar, u donnha ssuspettat li l-attur ma kienx iddikjara s-sewwa fl-ammont indikat minnu bħala li kien żbanka mill-assi ereditarju ta` Matteo Calleja. Fl-istess ħin pero', jidher ċar li din kienet taf li l-attur kien ta lilha u lillbenefiċċjarji l-oħra ħlas żejjed meta komputat fuq l-ammont li l-attur irreġistra li żbanka mill-eredita` ta` Matteo Calleja.*

*Kuntarjament għall-allegazzjonijiet ta` din ix-xhud, u ta` Emanuel Calleja li ressaq l-ilment kontra l-attur, mill-provi prodotti f'din il-kawża, irriżulta li s-somma li l-attur iddikjara li żbanka tikkombaċja mal-flus li l-attur effettivament żbanka mill-wirt ta` Matteo Calleja, u l-konvenut ma allegax li kien hemm assi oħra.*

*Stabbilit għalhekk li oġġettivament l-attur għamel ħlas indebitu lill-konvenut, minkejja li dan irrifjuta li jirrikonoxxih, u li l-konvenut dan seta` għarfu, kif għamlet Frances Mifsud, mid-dokument rilaxxjat lilu mill-attur, jifdal il-kwistjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni għall-ħlas tal-indebitu, stabbilita bl-Art. 1027 tal-Kodiċi Ċivili, u partikolarment id-determinazzjoni tal-mument minn meta beda jgħaddi dan iż-żmien.*

*L-Art. 1022(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi hekk:*

*Kull min, billi jaħseb bi żball li hu debitur, iħallas dejn, għandu jedd jitlob il-ħlas lura mingħand il-kreditur.*

*Fil-kawża Carmel Brand Company Limited vs Worldwide Import and Export Company Limited, il-konvenut li eċċepixxa din il-preskrizzjoni argumenta li dan iż-żmien ta` sentejn jibda jgħaddi minn meta jkun sar il-ħlas tal-indebitu, għaliex min ħallas indebitament seta` sab l-iżball tiegħu minn dakinhar stess. Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) pero', wara li rreferiet għall-ġurisprudenza, kkonkludiet li dan iż-żmien jibda jgħaddi minn meta ħaddieħor jiskopri l-iżball u għarraf bih lil min ikun għamel il-ħlas żejjed, u mhux minn meta min ikun ħallas l-indebitu seta` sab l-iżball tiegħu nnifsu. F'dan il-każ, kif ġa ingħad, it-Tribunal iqis li l-konvenut naqas li jipprova, fuq bażi ta` bilanċ ta` probabiltajiet, li l-attur kien mgħarraf minn qabel sentejn qabel proċeda b'din il-kawża bil-ħlas żejjed li kien ta lill-konvenut, u li l-istess attur qed jirreklama b'din l-azzjoni.*

*Għal dawn ir-raġunijiet kollha, dan it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta` elf, tlett mija u sebgħa u sebgħin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€1,377.14ċ), bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.*

*L-ispejjeż ta` din il-kawża jitħallsu mill-konvenut".*

2. B'rikors prezentat fis-6 ta' Ottubru, 2017 il-konvenut appella mis-sentenza bl-aggravju jkun li l-attur kien ilu mill-izball li aghmel sa mill-inqas hames snin meta pprezenta l-ittra ufficjali. Ghaldaqstant kienu ghaddew is-sentejn li jissemmew fl-artikolu 1027 tal-Kodici Civili. L-appell tal-konvenut hu fuq punt ta' fatt.

3. Fl-1 ta' Novembru, 2017 l-attur wiegeb u ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

4. Fis-seduta tal-10 ta' April, 2017 il-qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet.

5. Il-qorti qrat l-atti.

6. It-tezi tal-konvenut hi:
*"Il-posizzjoni tal-intimat appellanti hija semplici, in-Nutar kien gie infurmat li kien hemm diskrepanza bejn l-ammonti li kien qal li kellu jqassam u dak li qassam sa mis-sena 2011. Minkejja li kien gie infurmat ripetutament, n-Nutar ma riedx jisma u kien biss meta kien tard wisq ghalih illi jitlob lura l-hlas zejjed li ghamel li ghamel li ha d-debiti mizuri biex jottjeni lura da nil-hlas zejjed. Ladarba kien ghadda t-terminu perentorju ta' sentejn bejn meta kien gie infurmat u d-data meta nbdew dawn il-proceduri, allura dan it-terminu kien ghadda inutilment"*.

7. Il-konvenut jibbaza l-aggravju fuq dak li xehedet Frances Mifsud. Xhud li xehedet *viva voce* quddiem it-Tribunal (seduta tal-5 ta' April, 2017). Fl-ezami Frances Mifsud xehedet li meta l-attur ta r-rendikont li a bazi tieghu qassam il-flus (ara Dok. FM1 a fol. 18),
*"… meta ghamilt il-kalkoli skoprjet illi s-somma li effettivament qassam in-Nutar Saydon kienet ikbar mis-somma li kellu jqassam skond il-kakolu li ghamel wara li qies x'halla z-ziju u xi spejjez kien hareg hu u kienu dovut lilu ta' dan ix-xoghol"*.

   Ghalhekk skont il-verzjoni li tat ix-xhud, saret taf li skont dak id-dokument l-attur hareg iktar flus minn dak li ddikjara li kien hemm fil-patrimonju tal-mejjet.

8. L-istess xhud qalet ukoll (fol. 15):
*"…. **m'ghidtlu xejn dwar id-diskrepanza li kont skoprejt fid-dokument li kien ghaddieli l-istatement of account**, pero' ghidtlu li kien hemm diskrepanza"*.

   Ghalhekk skond din il-verzjoni lill-attur qaltlu **biss** li hemm diskrepanza minghajr spjegazzjoni. Ghalkemm il-konvenut argumenta li Mifsud spjegat id-diskrepanza lill-attur (ara paragrafu 22 tar-rikors tal-appell), ix-xhud qalet mod iehor.

9. Pero' dan jikkuntrasta ma dak li qalet fl-affidavit tat-23 ta' Marzu 2017:
*"Jien naf zgur li jiena kont cempilt lin-Nutar mat-tlieta jew erbgha darbiet kull darba biex infakkru biex jibghat ic-cheque lill-kugin tal-Awstralja. Nghid ukoll illi kull darba li kont incempillu **kont navzah illi kien hemm xi diskrepanza tal-flus li qassam <u>peress illi l-ammont li kien gie mqassam lilna kien iktar minn dak li kien hemm li suppost li kellu jitqassam skond dan l-istatement of account</u>**"*.

10. In-nuqqas ta' konsistenza hi lampanti.

11. Sahansitra fl-istess deposizzjoni quddiem it-Tribunal qalet:
*"Qed nigi mistoqsija mit-Tribunal jekk jien lin-nutar ghidtlux car u tond li kien hareg flus aktar milli kellu johrog u nghid li le m'ghidtlu preciz dak id-diskors, **pero' ghidtlu li kien hemm diskrepanza bejn l-ammont li kellu johrog u l-ammont li hareg**"*.

Mela filli l-ewwel tat x'jifhem li qaltlu biss li hemm diskrepanza u mbaghad taghti x'jifhem li qaltlu x'inhi d-diskrepanza. L-inkonsistenza tkompli. Ghaldaqstant, il-qorti tikkonkludi li x-xhud mhijiex kredibbli.

12. F'kull kaz jekk ghall-grazzja tal-argument titwemmen Frances Mifsud li qalet lill-attur li hemm diskrepanza fir-rendikont Dok. FM1, ikun ifisser li f'dak iz-zmien l-attur ma kixifx l-izball ghaliex skont l-ewwel verzjoni li tat quddiem it-Tribunal, ma qaltlux fhix tikkonsisti d-diskrepanza. Ghalhekk it-terminu ta' preskrizzjoni ma setax jibda jiddekorri ghaliex skont l-artikolu 1027 tal-Kodici Civili s-sentejn jibdew jiddekorru *"…. **minn dak in-nhar** illi dak li lilu tmiss l-azzjoni **<u>jikxef l-izball</u>**"*.

13. Inoltre', fl-affidavit Frances Mifsud qalet li kienet tkellmet ma hutha kollha, hlief Emanuel Calleja, u *"…. gbidtilhom l-attenzjoni li kien hemm diskrepanza f'dak li kien baghtilna n-Nutar"* (fol. 37). Pero' l-konvenut, wiehed mill-ahwa tax-xhud, xehed: *"Qed nigi mistoqsi jekk dwar dan il-hlas bejn l-elfejn u hdax u l-elfejn u sittax tkellimtx ma' xi haddiehor u nghid li le ma tkellimt ma' hadd iktar ghax hu qalli dawk sehmek…. Qed nigi mistoqsi jekk tkellimtx mal-werrieta l-ohra kemm li hawn hawn Malta u kemm li hemm barra minn Malta li kienu nvoluti f'dan il-wirt, u nghid li le ma tkellimt ma' hadd"* (fol. 12). Il-konvenut u Frances Mifsud lanqas jaqblu f'dak li qalu. Cirkostanza li tkompli turi nuqqas ta' konsistenza.

14. Il-qorti zzid li taraha ghal kollox improbabbli li Frances Mifsud qalet lill-attur bid-diskrepanza, u l-attur jibqa' passiv ghal dawk is-snin kollha. Dan meta tikkunsidra li minn Dok. FM1 jirrizulta li d-diskrepanza kienet xejn inqas minn hamsa u tletin elf mija u sbatax-il ewro (€35,117), li l-attur hareg minn butu. Li kieku fl-2011 l-attur skopra li hareg dawk il-flus kollha mill-but, probabbilment ma kienx ser jibqa' passiv ghal dawk is-snin.

15. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tqies ferm iktar kredibbli l-verzjoni tal-attur li kien skopra l-izball fis-sena 2015 meta wiehed mill-werrieta, Emanuel Calleja, baghatlu *email* fejn talbu spjegazzjoni dwar kif wasal biex jiddetermina l-ishma ta' kull wierriet (ara Dok. JHS2 a fol. 53).

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.